**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2023**

**<u>Rikors nru: 426/2023 AGV ;</u>**

EA

U

OA

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors kongunt ta' EA u OA , datat 28 ta' Luju 2023

**Jesponu bir-rispett u bil-gurament taghhom jikkonfermaw:**

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Lixandra , l-Egittu f'cerimonja skont ir-rit Islamiku nhar il-5 ta' Ottubru 2011 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tar-registrazzjoni 2268 sbarra tas-sena elfejn u tnax (2268/2012) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A ;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri AA  nhar is-7 ta Marzu 2013 (07.03.2013) illi l-kura u l-kustodja manteniment u l-access huma regolati bil-kuntratt ta' separazzjoni skont il-ligi,

3. Illi l-partijiet effettwaw is-separazzjoni personalli permezz ta' kuntartt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor James Grech fis-17 ta' April tas sena elfjn u tlieta u ghoxrin vera kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

4. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien sa mill-bidu ta'  Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).

5. Illi in vista tas-suespost il-partijiet jissodisfaw dak li jitlob l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

7. Illi ghalhekk jikkonkorru kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant in vista tas-seuspost , ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghhom f'Lixandra , l-Egittu li saret cerimonja skot ir-rit Islamiku nhar nhar il-5 ta' Ottubru 2011 liema zwieg gie registrat fr-Registru Pubbliku ta Malta bin-numru tar-registrazzjoni 2268 sbarra tas-sena elfejn u tnax (2268/2012) , mahlul u il-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi:

2. Konsegwentament tordna lir-Rigistratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet , biex dan ikun hekk registrat fir-registru Pubbliku.

   U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrhulha li jkun xieraq u opportuni fic-cirkustanzi.

   **Bl-ispejjez a karigu taz zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il-5 ta' Ottubru 2011.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**